



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0220/2021**

30.6.2021

**\*\*\*II**

## **RAKKOMANDEZZJONI GĦAT- TIENI QARI**

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (06487/2/2021 – C9-0226/2021 – 2018/0249(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Tanja Fajon

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jiħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA .....	6
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	7
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	8



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi  
(06487/2/2021 – C9-0226/2021 – 2018/0249(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (06487/2/2021 – C9-0226/2021),
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2018<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>2</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2018)0473),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0220/2021),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
  2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> ĠU C 62, 15.2.2019, p. 184.

<sup>2</sup> ĠU C 23, 21.1.2021, p. 406.

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fit-12 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ressqet il-proposta tagħha għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri [COM(2018) 473 final, 2018/0249 (COD)].

Il-Kumitat LIBE ressaq l-abbozz ta' rapport tiegħu għall-ewwel qari tal-plenarja (A8-0089/2019) fis-26 ta' Frar 2019. Il-plenarja adottat ir-rapport fl-ewwel qari tagħha fit-13 ta' Marzu 2019 (TA-8-2019). Fid-9 ta' Novembru 2019 il-Kumitat LIBE ddeċieda li jiftaħ negozjati interistituzzjonali. Dawn in-negozjati ġew finalizzati fit-8 ta' Diċembru 2020. Il-ftehim proviżorju milħuq ġie approvat mill-Kumitat LIBE fl-1 ta' Marzu 2021.

Inġibdet l-attenzjoni tar-Rapporteur lejn il-fatt li t-traduzzjoni għal ċerti lingwi – b'mod partikolari għar-Rumen u għall-Bulgaru – tal-formulazzjoni "migrazzjoni irregolari" wasslet għal nuqqas ta' qbil konsiderevoli bejn il-ġuristi lingwisti tal-Parlament u tal-Kunsill. Ir-Rapporteur tinnota wkoll li dawn id-diffikultajiet inqalgħu fi proċeduri leġiżlattivi preċedenti u jidher li x'aktarx li jerġgħu jinqalgħu minħabba d-diffikultajiet li hemm biex issir distinzjoni bejn dik il-formulazzjoni u l-espressjoni "migrazzjoni illegali" b'dawk il-lingwi. Ir-Rapporteur titlob li t-tliet istituzzjonijiet jilħqu ftehim xieraq dwar it-traduzzjonijiet għal din il-formulazzjoni li jkun jeħtieġ li ssir distinzjoni xierqa bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni. Ir-Rapporteur tinkoraġġixxi wkoll lir-Rapporteurs Parlamentari futuri kollha responsabbli għar-rapporti li fihom tqum il-kwistjoni ta' din il-formulazzjoni jagħtu attenzjoni partikolari li jsibu eżitu politiku sodisfaċenti bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.

Madankollu, peress li l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari adottata fl-14 ta' Ġunju 2021 tirrifletti l-ftehim milħuq fl-istadju bikri tat-tieni qari tan-negozjati interistituzzjonali, ir-Rapporteur tirrakkomanda li tiġi approvata mill-Parlament mingħajr emendi, sabiex ir-Regolament ikun jista' jiġi adottat malajr u jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	L-istabbiliment, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u tal-viżi
<b>Referenzi</b>	06487/2/2021 – C9-0226/2021 – 2018/0249(COD)
<b>Data tal-ewwel qari tal-PE – Numru P</b>	13.3.2019                          T8-0176/2019
<b>Proposta tal-Kummissjoni</b>	COM(2018)0473 - C8-0272/2018
<b>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja ta' meta l-Parlament irċieva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari</b>	24.6.2021
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 24.6.2021
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Tanja Fajon 4.9.2019
<b>Rapporteurs preċedenti</b>	Tanja Fajon
<b>Eżami fil-kumitat</b>	12.11.2019                          7.12.2020
<b>Data tal-adozzjoni</b>	29.6.2021
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+:                                  44 –:                                  12 0:                                    9
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Magdalena Adamowicz, Konstantinos Arvanitis, Malik Azmani, Katarina Barley, Fernando Barrena Arza, Pietro Bartolo, Nicolas Bay, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareş Bogdan, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Joachim Stanisław Brudziński, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Caterina Chinnici, Marcel de Graaff, Anna Júlia Donáth, Lena Düpont, Cornelia Ernst, Laura Ferrara, Nicolaus Fest, Jean-Paul Garraud, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Fabienne Keller, Peter Kofod, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Lukas Mandl, Roberta Metsola, Nadine Morano, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Nicola Procaccini, Emil Radev, Paulo Rangel, Terry Reintke, Diana Riba i Giner, Ralf Seekatz, Michal Šimečka, Sara Skyttedal, Martin Sonneborn, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Annalisa Tardino, Tomas Tobé, Dragoş Tudorache, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Bettina Vollath, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jadwiga Wiśniewska, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Tanja Fajon, Miguel Urbán Crespo
<b>Data tat-tressiq</b>	30.6.2021

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>44</b>	<b>+</b>
ECR	Joachim Stanisław Brudziński, Jorge Buxadé Villalba, Patryk Jaki, Jadwiga Wiśniewska
NI	Laura Ferrara
PPE	Magdalena Adamowicz, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareş Bogdan, Lena Düpont, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Roberta Metsola, Nadine Morano, Emil Radev, Paulo Rangel, Ralf Seekatz, Sara Skyttedal, Tomas Tobé, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Javier Zarzalejos
Renew	Malik Azmani, Anna Júlia Donáth, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Maite Pagazaurtundúa, Michal Šimečka, Ramona Strugariu, Dragoş Tudorache
S&D	Katarina Barley, Pietro Bartolo, Caterina Chinnici, Tanja Fajon, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Bettina Vollath, Elena Yoncheva
<b>12</b>	<b>-</b>
ID	Nicolas Bay, Nicolaus Fest, Jean-Paul Garraud, Marcel de Graaff, Peter Kofod, Annalisa Tardino, Tom Vandendriessche
NI	Milan Uhrík
The Left	Konstantinos Arvanitis, Pernando Barrena Arza, Cornelia Ernst, Miguel Urbán Crespo
<b>9</b>	<b>0</b>
ECR	Nicola Procaccini
NI	Martin Sonneborn
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Terry Reintke, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni